



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Frar 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0029(COD)

6236/20
ADD 1

CODIF 3
CODEC 128
JAI 141
GENVAL 2
MI 45
COMPET 53
COMIX 68

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 48 final
Suġġett:	ANNESSI Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-kontroll ta' l-akkwist u l-pussess ta' armi (kodifikazzjoni)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2020) 48 final.

Mehmuż: COM(2020) 48 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.2.2020
COM(2020) 48 final

ANNEXES 1 to 4

ANNESSI

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar il-kontroll ta' l-akkwist u l-pussess ta' armi (kodifikazzjoni)

↓ 91/477

ANNESS I

I. Għall-fini ta' din id-Direttiva, "arma" tfisser:

↓ 2008/51 art. 1.13(a) (adattat)

– kwalunkwe arma tan-nar kif definita fl-Artikolu 1,

↓ 91/477 (adattat)
→₁ 2017/853 art. 1.19(1)(a)

– armi barra minn armi tan-nar kif definiti fil-liġi nazzjonali.

II. →₁ Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-armi tan-nar huma kklasifikati fil-kategoriji li ġejjin: ←

Kategorija A - Armi tan-nar ipprojbati

1. Missili splossivi militari u *launchers*.
2. Armi tan-nar awtomatiċi.
3. Armi tan-nar ☒ travestiti ☒ bħala oġġetti oħra.
4. Munizzjon bi proġettili li jippenetraw, jisplođu jew iqabbd, u l-proġettili għal dan il-munizzjon.
5. Munizzjon għall-pistoli u revolvers bi proġettili li jespandu u l-proġettili għal dan il-munizzjon, ħlief f'każ ta' armi għall-kaċċa jew għall-isparar fuq bersalji, għall-persuni li għandhom id-dritt jużawhom.

↓ 2017/853 art. 1.19(1)(b)(ii)

6. Armi tan-nar awtomatiċi li ġew ikkonvertiti f'armi tan-nar semiawtomatiċi, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(5).

7. Kwalunkwe arma tan-nar semiawtomatika centre-fire fost dawn li ġejjin:

- (a) armi tan-nar qosra li jippermettu l-isparar ta' aktar minn 21 rawnd mingħajr ikkargar mill-ġdid, jekk:
 - (i) apparat tal-ikkargar b'kapaċità li taqbeż 20 rawnd jkun parti minn dik l-arma tan-nar; jew
 - (ii) apparat tal-ikkargar li jiżżarma b'kapaċità li taqbeż 20 rawnd jiddaħħal fiha;
- (b) armi tan-nar twal li jippermettu l-isparar ta' aktar minn 11-il rawnd mingħajr ikkargar mill-ġdid, jekk:
 - (i) apparat tal-ikkargar b'kapaċità li taqbeż 10 dawriet ikun parti minn dik l-arma tan-nar; jew
 - (ii) apparat tal-ikkargar li jiżżarma b'kapaċità li taqbeż 10 rawnds tiddaħħal fiha.

8. Armi tan-nar twal semiawtomatiċi (jiġifieri armi tan-nar li huma oriġinarjament maħsuba biex jiġu sparati minn fuq l-ispalla) li jistgħu jitqassru għal tul ta' inqas minn 60 cm mingħajr ma jtilfu l-funzjonalità permezz ta' ċipp li tintlewa jew li tingħalaq jew permezz ta' ċipp li tista' titneħħa mingħajr l-użu ta' għodda.
9. Kwalunkwe arma tan-nar f'din il-kategorija li tkun ġiet konvertita f'arma li tispara in bjank, sustanzi irritanti, sustanzi attivi oħra jew rawnds pirotekniċi jew f'arma tas-salut jew akustika.

↓ 2017/853 art. 1.19(1)(b)(iii)

Kategorija B - Armi tan-nar soġġetti għall-awtorizzazzjoni

1. Armi tan-nar qosra li jirrepetu.
2. Armi tan-nar qosra b'rawnd wieħed b'centre-fire percussion.
3. Armi tan-nar qosra b'rawnd wieħed b'rimfire percussion li t-tul kollu tagħhom huwa ta' inqas minn 28 cm.
4. Armi tan-nar twal semiawtomatiċi li l-apparat tal-ikkargar u ċ-chamber tagħhom għandhom kapaċità ta' aktar minn tliet rawnds fil-każ ta' armi tan-nar b'rimfire u aktar minn tlieta iżda inqas minn tnax-il rawnd fil-każ ta' armi tan-nar centrefire.
5. Armi tan-nar qosra semiawtomatiċi minbarra dawk elenkati taħt il-punt 7(a) tal-kategorija A.
6. Armi tan-nar twal semiawtomatiċi elenkati taħt il-punt 7(b) tal-kategorija A li l-apparat tal-ikkargar u ċ-chamber tagħhom flimkien ma għandhom kapaċità ta' aktar minn tliet rawnds, fejn l-apparat tal-ikkargar jista' jitneħħa jew fejn ma jkunx żgur li l-arma ma tistax tiġi kkonvertita, b'għodda ordinarja, f'arma li l-apparat tal-ikkargar u ċ-chamber tagħha flimkien jistgħu jieħdu aktar minn tliet rawndst.
7. Armi tan-nar twal li jirrepetu r-rawnds u li huma semiawtomatiċi b'kanen lixxi li ma jaqbżux is-60 cm tul.
8. Kwalunkwe arma tan-nar ikklassifikata f'din il-kategorija li tkun ġiet konvertita f'arma li tispara in bjank, sustanzi irritanti, sustanzi attivi oħra jew rawnds pirotekniċi jew f'arma tas-salut jew akustika.
9. Armi tan-nar semiawtomatiċi għall-użu ċivili li jixbhu lill-armi b'mekkaniżmi awtomatiċi barra dawk elenkati taħt il-punt 6, 7 jew 8 tal-kategorija A.

↓ 2017/853 art. 1.19(1)(b)(iv)
→₁ 91/477

Kategorija C - Armi tan-nar u armi soġġetti għal dikjarazzjoni

1. Armi tan-nar twal li jirrepetu, barra dawk elenkati fil-punt 7 tal-kategorija B.
2. Armi tan-nar twal b'kanen li jisparaw rawnd wieħed.
3. Armi tan-nar twal semiawtomatiċi barra dawk elenkati fil-kategorija A jew B.
4. Armi tan-nar →₁ qosra ← b'rawnd wieħed b'rimfire percussion li t-tul kollu tagħhom ma jkunx inqas minn 28 cm.

5. Kwalunkwe arma tan-nar f'din il-kategorija li tkun ġiet konvertita f'arma li tispara in bjank, sustanzi irritanti, sustanzi attivi oħra jew rawnds pirotekniċi jew f'arma tas-salut jew akustika.
6. Armi tan-nar ikklassifikati fil-kategorija A jew B jew din il-kategorija li ġew diżattivati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2403.
7. Armi tan-nar twal b'rawnd wieħed u kanen lixxi introdotti fis-suq fi jew wara l-14 ta' Settembru 2018.

↓ 2017/853 art. 1.19(2)

- III. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, oġġetti li jikkorrispondu għad-definizzjoni ta' "arma tan-nar" m'għandhomx jiġu inklużi f'dik id-definizzjoni jekk:
- (a) huma ddisinjati għall-allarm, biex jagħtu sinjali, għas-salvataġġ, għall-qtil tal-annimali jew is-sajd bil-ħarpun jew għal finijiet industrijali jew tekniċi sakemm jistgħu jintużaw biss għall-fini ddikjarata;
 - (b) huma meqjusa bħala armi antiki meta dawn ma jaqgħux taħt il-kategoriji stabbiliti fil-Parti II u huma soġġetti għal-liġijiet nazzjonali.
- Sakemm issir il-koordinazzjoni tul l-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-liġijiet nazzjonali tagħhom għall-armi tan-nar mniżżla f'din il-Parti;

↓ 91/477 (adattat)

- IV. Għall-fini ta' dan l-Anness:
- (a) 'arma tan-nar qasira' tfisser arma tan-nar b'kanna li ma taqbiżx it-30 cm jew li t-tul kollu tagħha ma jaqbiżx is-60 cm;
 - (b) 'arma tan-nar twila' tfisser kull arma tan-nar barra minn arma tan-nar qasira;
 - (ċ) 'arma tan-nar awtomatika' tfisser arma tan-nar li terġa' tikkarga b'mod awtomatiku kull darba li jiġi sparat rawnd u li tista' tispara aktar minn rawnd wieħed b'għafsa waħda tal-grillu;
 - (d) 'arma tan-nar semi-awtomatika' tfisser arma tan-nar li terġa' tikkarga b'mod awtomatiku kull darba li jiġi sparat rawnd u li tista' tispara rawnd wieħed biss b'għafsa waħda tal-grillu;
 - (e) 'arma tan-nar li tirrepeti' tfisser arma tan-nar li wara li jiġi sparat rawnd hija ddisinjata sabiex terġa' tiġi kkargata minn magazin jew ċilindru permezz ta' azzjoni li ssir manwalment;
 - (f) 'arma tan-nar b'rawnd wieħed' tfisser arma tan-nar mingħajr magazin li tikkarga qabel kull rawnd billi ☒ jiddaħħal manwalment ☒ rawnd fiċ-*chamber* jew rokna għall-ikkargar fil-*breech* tal-kanna;
 - (g) 'munizzjon bi proġettili li jippenetraw' tfisser munizzjon għall-użu militari meta l-proġettili għandu qoxra u għandu ċentru iebes li jippenetra;
 - (h) 'munizzjon bi proġettili splussivi' tfisser munizzjon għall-użu militari meta l-proġettili fih kariga li tispodi mal-kuntatt;

- (i) ‘munizzjon bi proġettili li jieħdu n-nar’ tfisser munizzjon għall-użu militari meta l-proġettili jkun fih taħlita kimika li tispodi fi fjamma mal-kuntatt ma’ l-arja jew ma’ l-impatt.
-

ANNEX II

PASS EWROPEW TA' L-ARMI TAN-NAR

Il-pass għandu jkun fih is-Sezzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-identità tad-detentur;
- (b) l-identifikazzjoni ta' l-arma jew l-arma tan-nar, inkluża referenza għall-kategorija skond it-tifsira  ta' din  id-Direttiva;
- (ċ) il-perjodu ta' validità tal-pass;
- (d) is-Sezzjoni għall-użu mill-Istat Membru li joħroġ il-pass (tip u referenzi għall-awtorizzazzjonijiet, eċċ.);
- (e) is-Sezzjoni għal daħliet minn Stati Membri oħra (awtorizzazzjonijiet sabiex tidħol fit-territorju tagħhom, eċċ.);

↓ 2017/853 art. 1.20
→₁ 91/477

- (f) id-dikjarazzjonijiet:

“Id-dritt li wieħed jivvjaġġa lejn Stat Membru ieħor b'arma tan-nar waħda jew aktar ikklassifikati fil-kategorija A, B jew C msemija f'dan il-pass għandhom ikunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni/jiet korrispondenti minn qabel mill-Istat Membru taż-żjara. Tali awtorizzazzjonijiet jistgħu jitniżżlu fuq il-pass.

Fil-prinċipju m'hemmx bżonn tal-awtorizzazzjoni minn qabel fuq imsemmija sabiex wieħed jivvjaġġa b'arma tan-nar ikklassifikata fil-kategorija C bi ħsieb ta' parteċipazzjoni f'kaċċa jew attivitajiet ta' rappreżentazzjoni teatrali ta' avvenimenti storiċi jew b'arma tan-nar ikklassifikata fil-kategorija A, B jew C sabiex wieħed jieħu sehem fi sparar fuq bersalji, sakemm il-vjaġġatur ikollu fil-pussess tiegħu pass għall-arma tan-nar u jkun jista' jagħti r-raġuni għall-vjaġġ.”

Fejn Stat Membru jkun informa lill-Istati Membri l-oħra skont l-Artikolu 11(3), li l-pussess ta' ċerti armi tan-nar ikklassifikati fil-kategorija B jew C huwa pprojbit jew soġġett għall-awtorizzazzjoni, għandu jagħmel ukoll waħda mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

“Vjaġġ lejn ... (Stat(i) ikkonċernat(i)) bl-arma tan-nar ... (l-identifikazzjoni) →₁ huwa ← pprojbit.”

“Vjaġġ lejn ... (Stat(i) ikkonċernat(ii)) bl-arma tan-nar ... (l-identifikazzjoni) →₁ huwa soġġett ← għall-awtorizzazzjoni.”



ANNESS III

Parti A

Direttivi mħassra flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tagħhom (imsemmija fl-Artikolu 26)

Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE	(ĠU L 256, 13.9.1991, p. 51)
Direttiva 2008/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	(ĠU L 179, 8.7.2008, p. 5)
Direttiva (UE) 2017/853 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	(ĠU L 137, 24.5.2017, p. 22)

Parti B

Skadenzi għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali (msemmija fl-Artikolu 26)

Direttiva	Skadenzi għat-traspożizzjoni
91/477/KEE	31 ta' Diċembru 1992
2008/51/KE	28 ta' Lulju 2010
(UE) 2017/853	14 ta' Settembru 2018 ¹

¹ Madankollu, skont l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva (UE) 2017/853: "Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 4(3) u mal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 91/477/KEE, kif emendata permezz ta' din id-Direttiva, sal-14 ta' Diċembru 2019."

ANNEX IV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 91/477/KEE	Din id-Direttiva
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4(1) u (2)	Artikolu 4(1) u (2)
Artikolu 4(2a)	Artikolu 4(3)
Artikolu 4(3)	Artikolu 4(4)
Artikolu 4(4)	Artikolu 4(5)
Artikolu 4(5)	Artikolu 4(6)
Artikolu 4a	Artikolu 5
Artikolu 5	Artikolu 6
Artikolu 5a	Artikolu 7
Artikolu 5b	Artikolu 8
Artikolu 6	Artikolu 9
Artikolu 7(1) sa (4)	Artikolu 10(1) sa (4)
Artikolu 7(4a)	Artikolu 10(5)
Artikolu 7(5)	Artikolu 10(6)
Artikolu 8(1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 8(1), it-tieni subparagrafu	–
–	Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu
Artikolu 8(2) u (3)	Artikolu 11(2) u (3)
Artikolu 9(1), kliem ta' introduzzjoni	Artikolu 12(1), kliem ta' introduzzjoni
Artikolu 9(1), l-ewwel inċiż	Artikolu 12(1)(a)
Artikolu 9(1), it-tieni inċiż	Artikolu 12(1)(b)

Artikolu 9(2)	Artikolu 12(2)
Artikolu 10	Artikolu 13
Artikolu 10a	Artikolu 14
Artikolu 10b	Artikolu 15
Artikolu 11(1)	Artikolu 16(1)
Artikolu 11(2), l-ewwel subparagrafu, kliem ta' introduzzjoni	Artikolu 16(2), l-ewwel subparagrafu, kliem ta' introduzzjoni
Artikolu 11(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 16(2)(a)
Artikolu 11(2), l-ewwel subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 16(2)(b)
Artikolu 11(2), l-ewwel subparagrafu, it-tielet inċiż	Artikolu 16(2)(c)
Artikolu 11(2), l-ewwel subparagrafu, ir-raba' inċiż	Artikolu 16(2)(d)
Artikolu 11(2), l-ewwel subparagrafu, il-ħames inċiż	Artikolu 16(2)(e)
Artikolu 11(2), l-ewwel subparagrafu, is-sitt inċiż	Artikolu 16(2)(f)
Artikolu 11(2), it-tieni, it-tielet u r-raba' subparagrafu	Artikolu 16(2), it-tieni, it-tielet u r-raba' subparagrafu
Artikolu 11(3) u (4)	Artikolu 16(3) u (4)
Artikolu 12	Artikolu 17
Artikolu 13	Artikolu 18
Artikolu 13a	Artikolu 19
Artikolu 13b	Artikolu 20
Artikolu 14, kliem ta' introduzzjoni	Artikolu 21, kliem ta' introduzzjoni
Artikolu 14, l-ewwel inċiż	Artikolu 21(a)
Artikolu 14, it-tieni inċiż	Artikolu 21(b)
Artikolu 15	Artikolu 22
Artikolu 16	Artikolu 23

Artikolu 17

Artikolu 18

—

Artikolu 19

Anness I

Anness II

—

—

Artikolu 24

—

Artikolu 25, 26 u 27

Artikolu 28

Anness I

Anness II

Anness III

Anness IV